# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta, 28 ta' Frar 2023**

**Kawza Numru: 1**
**Rikors Ġuramen,tat Numru:- 1111/2017 JVC**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs.**

**Nadia Vella (ID 17276(G), Carmen Vella (ID 57649(G), u Dr. William Cuschieri (ID 70582(M) u b'digriet tal-14 ta' Mejju 2018 gie kjamat fil-kawza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Regghet rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi permezz ta' Digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Familja fl-atti tar-Rikors Guramentat Numru 302/12 AL fl-ismijiet *Joseph Camilleri* vs *Nadia Vella* datat 21 ta' Lulju, 2016 (Kopja annessa **Dok A**) il-Qorti ordnat access ghall-minuri Eric Camilleri favur missieru Joseph Camilleri bil-modalitajiet stipulati fl-istess Digriet.

2. Illi in segwitu ghall-istess Digriet, fit-23 ta' Awwissu 2016 il-marixxalli tal-Qorti marru fl-indirizz mghoti "Antheus", Triq l-Arznu, San Gwann sabiex jesegwixxu l-istess Digriet.

3. Illi skond ir-rapport rilaxxjat mill-Marixxalli tal-Qorti datat 23 ta' Awwissu 2016 (hawn anness bhala Dok B), meta l-Marixxalli tal-Qorti marru biex jesegwixxu l-istess Digriet huma ma thallewx jesegwixxu l-istess u dan kif jidher car mir-rapport tal-istess marixxalli u pertant l-istess Marixxalli irraportaw l-akkadut lill-Onorabbli Qorti tal-Familja.

4. Illi in segwitu ghar-rapport sudett din l-Onorabbli Qorti permezz ta' Digriet taghha tal-24 ta' Awwissu 2016 (Dok C) ordnat lill-esponenti sabiex jiehu proceduri ta' disprezz kontra l-intimati.

5. Illi ghalhekk in adempiment ma' dik l-ordni l-esponenti qed jintavola dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghidu l-intimati jew min minnhom ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:

1. Issib lill-intimati jew min minnhom hati ta' disprezz kontra l-awtorita` taghha ai termini tal-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimati jew min minnhom ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimati jew min minnhom;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi'.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' l-Avukat William Cuschieri li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-esponenti jwiegeb illi l-proceduri odjerni huma proceduri ta' natura penali mibdija kontra tieghu wara digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar l-24 ta' Awwissu, 2016 fl-atti ta'kawza bejn terzi senjatament il-kawza li ghandha r-rikors mahluf bin-

numru: 302/2012/AL fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** u illi:

(i) billi d-digriet imsemmi jghid illi l-agir ta' l-esponenti jikkostitwixxi *"att ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti,"* japplika l-principju *ne bis in idem* u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma tistax terga' ssib lill-esponenti hati ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ghar-rigward l-istess agir kif mitlub fir-rikors mahluf, u ghaldaqstant l-ewwel talba attrici u dawk konsegwenti ghaliha ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti;

(ii) minghajr pregudizzju ghas-suespost, tali digriet huwa leziv tal-jedd fundamentali ta' l-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi, fost ragunijiet ohra, (a) huwa ma inghatax l-opportunita` illi jwiegeb ghall-allegazzjonijiet illi saru fil-konfront tieghu mill-marixxalli qabel ma nghata d-digriet tal-24 ta' Awwissu, 2016 u (b) il-fatt illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gja` irriteniet illi minn dak irrappurtat mill-marixxalli l-agir ta' l-esponenti jikkostitwixxi ostakolu ghal ezekuzzjoni u att ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ifisser illi l-esponenti mhux biss gie akkuzat u ipprocessat fl-assenza tieghu izda kien ukoll gie dikjarat hati; u

(iii) minghajr pregudizzju ghas-suespost, ladarba l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gja` esprimiet ruhha u irriteniet dak illi inghad fil-paragrafu precedenti, id-

digriet tal-24 ta' Awwissu, 2016 jikser il-jedd ta' l-esponenti ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza tieghu u ladarba huwa bis-sahha ta' tali digriet illi inbdew il-proceduri odjerni, il-jedd fundamentali ta' l-esponenti mhux biss gie miksur izda x'aktarx ser ikompli jigi miksur bil-proceduri odjerni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ilment ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali imqajjem fl-ewwel paragrafu ta' dina r-risposta mahlufa, l-esponenti jwiegeb illi l-ewwel talba attrici u t-talbiet l-ohra konsegwenti ghaliha ma jistghux jintlaqghu billi l-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli ghall-kaz odjern;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif formulati ma humiex skond kif ordnat il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-digriet tal-24 ta' Awwissu, 2016 u ghalhekk it-talbiet attrici huma bi ksur tal-Artikolu 1003A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jwiegeb illi t-tieni u t-tielet talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu billi fil-kaz *de quo* l-esponenti ma jista' qatt jigi ikkundannat ghall-pieni jew ordnijiet kontemplati fl-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-artikolu applikabbli u li allegatament gie vjolat mill-esponenti huwa l-Artikolu 70 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jwiegeb illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi ma kienet inghatat l-ebda ordni fil-konfront ta' l-esponenti fl-atti tal-

kawza bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** u fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma huwa hati ta' ebda agir ikkontemplat fl-Artikolu 70 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda billi mhuwiex minnu illi l-esponenti ma halliex lill-marixxalli jesegwixxu d-digriet tat-23 ta' Awwissu, 2016 kif premess fir-rikors mahluf;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt billi dak irraportat mill-marixxalli huwa kkontestat kif ser jirrizulta ukoll mill-*video recording* li ngibed mill-konvenuta Nadia Vella (u mhux mill-esponenti) u li huwa prova li ser tigi ipprezentata sabiex jigi imxejjen ir-rapport skorrett li wassal ghal dawn il-proceduri. Il-verita` hija illi l-minuri Eric Camilleri kien ittiehed minn ommu il-konvenuta Nadia Vella lill-missieru Joseph Camilleri nhar it-22 ta' Awwissu, 2016, skond id-digriet relattiv, u ftit tal-hin wara, il-minuri Eric Camilleri harab mill-kustodja ta' missieru ghaliex gie verbalment abbuzat u tormentat u mar ghand ommu l-konvenuta Nadia Vella. Il-minuri Eric Camilleri ma riedx imur lura ghand missieru ghaliex kien imwerwer minnu u din is-sitwazzjoni baqghet l-istess sa l-ghada tant illi fil-fatt x'hin il-marixxalli u l-pulizija marru fir-residenza tal-konvenuta Nadia Vella nhar it-23 ta' Awwissu, 2016 il-minuri Eric Camilleri ha kedda kbira u baqa' jirrifjuta li jmur ma' missieru Joseph Camilleri. Kemm il-marixxalli kif ukoll il-pulizija ezekuttiva ma setghux jiehdu lill-minuri Eric Camilleri bil-forza ghaliex ma kenux awtorizzati f'dan is-

sens u kien ghalhekk illi l-ordni moghtija ma setghetx tigi ezegwita u mhux ghaliex b'xi mod gew imfixkla il-marixxalli fl-istess ezekuzzjoni;

8. Illi dan kollu tant huwa minnu illi l-ghada, nhar l-24 ta' Awwissu, 2016, Joseph Camilleri ipprezenta rikors fl-atti tal-kawza li ghandha r-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** li permezz tieghu talab, fost affarijiet ohra, illi huwa jigi awtorizzat jiehu lill-minuri Eric Camilleri fil-kustodja tieghu jekk ikun il-kaz anke bil-forza, bl-assistenza tal-marixxalli u tal-pulizija ezekuttiva;

9. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti kellu kull dritt jassisti lill-klijenta tieghu Nadia Vella waqt l-esekuzzjoni tad-digriet wara li l-klijenta talbitu dan kif kellha jedd li taghmel, u l-prezenza ta' l-esponenti bhala l-avukat tal-konvenuta Nadia Vella waqt l-esekuzzjoni tad-digriet mertu tal-kawza ma jikkostitwiex disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti;

10. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma wettaqx agir li jikkostitwixxi disprezz kontra l-awtorita` tal-Qorti u lanqas qatt ma kellu l-intenzjoni illi jiddisprezza l-awtorita` tal-Qorti u dana kif ser jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza;

11. Salv twegiba ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.'

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Carmen Vella li eccepiet kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-esponenti twiegeb illi l-proceduri odjerni huma proceduri ta' natura penali mibdija kontra taghha wara digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar l-24 ta' Awwissu, 2016 fl-atti ta'kawza bejn terzi senjatament il-kawza li ghandha r-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** u illi:

(i) billi d-digriet imsemmi jghid illi l-agir ta' l-esponenti jikkostitwixxi *"att ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti"* japplika l-principju *ne bis in idem* u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma tistax terga' ssib lill-esponenti hatja ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ghar-rigward l-istess agir kif mitlub fir-rikors mahluf, u ghaldaqstant l-ewwel talba attrici u dawk konsegwenti ghaliha ghandhom jigu michuda;

(ii) minghajr pregudizzju ghas-suespost, tali digriet huwa leziv tal-jedd fundamentali ta' l-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi, fost ragunijiet ohra, (a) hija ma inghatatx l-opportunita` illi twiegeb ghall-allegazzjonijiet illi saru fil-konfront taghha mill-marixxalli qabel inghata d-digriet ta' nhar l-24 ta' Awwissu, 2016 u (b) il-fatt illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gja` irriteniet illi minn

dak irrappurtat mill-marixxalli l-agir ta' l-esponenti jikkostitwixxi ostakolu ghal ezekuzzjoni u att ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ifisser illi l-esponenti mhux biss giet akkuzata u ipprocessata fl-assenza taghha izda giet ukoll dikjarata hatja; u

(iii) minghajr pregudizzju ghas-suespost, ladarba l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gja` esprimiet ruhha u irriteniet dak illi inghad fil-paragrafu precedenti, id-digriet ta' nhar l-24 ta' Awwissu, 2016 jikser il-jedd ta' l-esponenti ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza taghha u ladarba huwa bis-sahha ta' tali digriet illi inbdew il-proceduri odjerni, il-jedd fundamentali ta' l-esponenti mhux biss gie miksur izda x'aktarx ser ikompli jigi miksur bil-proceduri odjerni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ilment ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali imqajjem fl-ewwel paragrafu ta' dina r-risposta mahlufa, l-esponenti twiegeb illi l-ewwel talba attrici u t-talbiet l-ohra konsegwenti ghaliha ma jistghux jintlaqghu billi l-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif formulati ma humiex skond kif ordnat il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-digriet tal-24 ta' Awwissu, 2016 u ghalhekk it-talbiet attrici huma bi ksur tal-Artikolu 1003A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti twiegeb illi t-tieni u t-tielet talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu billi

fil-kaz *de quo* l-esponenti ma tista' qatt tigi ikkundannata ghall-pieni jew ordnijiet kontemplati fl-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-artikolu applikabbli u illi allegatament gie vjolat mill-esponenti huwa l-artikolu 70 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti twiegeb illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi ma kien inghata l-ebda ordni fil-konfront ta' l-esponenti fl-atti tal-kawza li ghandha r-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** u fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma hija hatja ta' ebda agir ikkontemplat fl-artikolu 70 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda billi mhuwiex minnu illi hija ma hallietx lill-marixxalli jezegwixxu d-digriet ta' nhar it-23 ta' Awwissu, 2016 kif premess fir-rikors mahluf: tabilhaqq l-esponenti bilkemm tkelmet jew tniffset;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt billi dak irraportat mill-marixxalli huwa kkontestat kif ser jirrizulta ukoll mill-*video recording* li ngibed mill-konvenuta Nadia Vella u li huwa prova li ser tigi ipprezentata sabiex jigi mxejjen ir-rapport skorrett li wassal ghal dawn il-proceduri. Il-verita` hija illi l-minuri Eric Camilleri kien ittiehed minn ommu il-konvenuta l-ohra Nadia Vella lill-missieru Joseph Camilleri nhar it-22 ta' Awwissu, 2016, skond id-digriet relattiv, u ftit tal-hin wara, il-minuri Eric Camilleri harab mill-kustodja ta' missieru ghaliex gie verbalment abbuzat u

tormentat u mar ghand ommu l-konvenuta l-ohra Nadia Vella. Il-minuri Eric Camilleri ma riedx imur lura ghand missieru ghaliex kien imwerwer minnu u din is-sitwazzjoni baqghet l-istess sa l-ghada tant illi fil-fatt x'hin il-marixxalli u l-pulizija marru fir-residenza tal-konvenuta l-ohra Nadia Vella nhar it-23 ta' Awwissu, 2016 il-minuri Eric Camilleri ha kedda kbira u baqa' jirrifjuta li jmur ma' missieru Joseph Camilleri. Kemm il-marixxalli kif ukoll il-pulizija ezekuttiva ma setghux jiehdu lill-minuri Eric Camilleri bil-forza ghaliex ma kenux awtorizzati f'dan is-sens u kien ghalhekk illi l-ordni moghtija ma setghetx tigi ezegwita u mhux ghaliex b'xi mod gew imfixkla il-marixxalli fl-istess ezekuzzjoni;

8. Illi dan kollu tant huwa minnu illi l-ghada, nhar l-24 ta' Awwissu, 2016, Joseph Camilleri ipprezenta rikors fl-atti tal-kawza li ghandha r-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** li permezz tieghu talab, fost affarijiet ohra, illi huwa jigi awtorizzat jiehu lill-minuri Eric Camilleri fil-kustodja tieghu jekk ikun il-kaz anke bil-forza, bl-assistenza tal-marixxalli u tal-pulizija ezekuttiva;

9. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma wettqitx agir li jikkostitwixxi disprezz kontra l-awtorita` tal-Qorti u lanqas qatt ma kellha l-intenzjoni illi tiddisprezza l-awtorita` tal-Qorti u dana wkoll kif ser jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza;

10. Salv twegiba ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez. L-attur huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.'

Rat ir-Risposta Guramentata ta' Nadia Vella li eccepiet kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-esponenti twiegeb illi l-proceduri odjerni huma proceduri ta' natura penali mibdija kontra taghha wara digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) nhar l-24 ta' Awwissu, 2016 fl-atti ta' kawza li ghandha r-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** u illi:

(i) billi d-digriet imsemmi jghid illi l-agir ta' l-esponenti jikkostitwixxi "*att ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti*" japplika l-principju *ne bis in idem* u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma tistax terga' ssib lill-esponenti hatja ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ghar-rigward l-istess agir kif mitlub fir-rikors mahluf u ghaldaqstant l-ewwel talba attrici u dawk konsegwenti ghaliha ghandhom jigu michuda;

(ii) minghajr pregudizzju ghas-suespost, tali digriet huwa leziv tal-jedd fundamentali ta' l-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi, fost ragunijiet ohra, (a) hija ma inghatatx l-opportunita` illi twiegeb ghall-allegazzjonijiet illi saru fil-konfront taghha mill-marixxalli qabel inghata d-digriet ta' nhar l-24 ta' Awwissu, 2016 u (b) il-fatt illi l-

Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gja` irriteniet illi minn dak irrappurtat mill-marixxalli l-agir ta' l-esponenti jikkostitwixxi ostakolu ghal ezekuzzjoni u att ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti ifisser illi l-esponenti mhux biss giet akkuzata u ipprocessata fl-assenza taghha izda giet ukoll dikjarata hatja; u

(iii) minghajr pregudizzju ghas-suespost, ladarba l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) gja` esprimiet ruhha u irriteniet dak illi inghad fil-paragrafu precedenti, id-digriet ta' nhar l-24 ta' Awwissu, 2016 jikser il-jedd ta' l-esponenti ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza taghha u ladarba huwa bis-sahha ta' tali digriet illi inbdew il-proceduri odjerni, il-jedd fundamentali ta' l-esponenti mhux biss gie miksur izda x'aktarx ser ikompli jigi miksur bil-proceduri odjerni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ilment ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali imqajjem fl-ewwel paragrafu ta' dina r-risposta mahlufa, l-esponenti twiegeb illi l-ewwel talba attrici u t-talbiet l-ohra konsegwenti ghaliha ma jistghux jintlaqghu billi l-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif formulati ma humiex skond kif ordnat il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-digriet ta' nhar l-24 ta' Awwissu, 2016 u ghalhekk it-talbiet attrici huma bi ksur ta' l-artikolu 1003A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti twiegeb illi t-tieni u t-tielet talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu billi fil-kaz *de quo* l-esponenti ma tista' qatt tigi ikkundannata ghall-pieni jew ordnijiet kontemplati fl-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-artikolu applikabbli u illi allegatament gie vjolat mill-esponenti huwa l-artikolu 70 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti twiegeb illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda billi ma hija hatja ta' ebda agir ikkontemplat fl-artikolu 70 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda billi mhuwiex minnu illi hija ma hallietx lill-marixxalli jezegwixxu d-digriet ta' nhar it-23 ta' Awwissu, 2016 kif premess fir-rikors mahluf;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt billi dak irraportat mill-marixxalli huwa kkontestat kif ser jirrizulta ukoll mill-*video recording* li ngibed mill-esponenti u li huwa prova li ser tigi ipprezentatata sabiex jigi mxejjen ir-rapport skorrett li wassal ghal dawn il-proceduri. Il-verita` hija illi l-minuri Eric Camilleri kien ittiehed mill-esponenti lill-missieru Joseph Camilleri nhar it-22 ta' Awwissu, 2016, skond id-digriet relattiv, u ftit tal-hin wara, il-minuri Eric Camilleri harab mill-kustodja ta' missieru ghaliex gie verbalment abbuzat u tormentat u mar ghand l-esponenti. Il-minuri Eric Camilleri ma riedx imur lura ghand missieru

ghaliex kien imwerwer minnu u din is-sitwazzjoni baqghet l-istess sa l-ghada tant illi fil-fatt x'hin il-marixxalli u l-pulizija marru fir-residenza ta' l-esponenti nhar it-23 ta' Awwissu, 2016 il-minuri Eric Camilleri ha kedda kbira u baqa' jirrifjuta li jmur ma' missieru Joseph Camilleri. Kemm il-marixxalli kif ukoll il-pulizija ezekuttiva ma setghux jiehdu lill-minuri Eric Camilleri bil-forza ghaliex ma kenux awtorizzati f'dan is-sens u kien ghalhekk illi l-ordni ta' access moghtija ma setghetx tigi ezegwita u mhux ghaliex b'xi mod gew imfixxkla il-marixxalli fl-istess ezekuzzjoni;

8. Illi dan kollu tant huwa minnu illi l-ghada, nhar l-24 ta' Awwissu, 2016, Joseph Camilleri ipprezenta rikors fl-atti tal-kawza li ghandha r-rikors mahluf bin-numru: 302/2012/AL fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Nadia Vella** li permezz tieghu talab, fost affarijiet ohra, illi huwa jigi awtorizzat jiehu lill-minuri Eric Camilleri fil-kustodja tieghu jekk ikun il-kaz anke bil-forza, bl-assistenza tal-marixxalli u tal-pulizija ezekuttiva;

9. Illi ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohra illi ser jirrizultaw matul it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti qatt ma gabet ruhha b'mod li juri disprezz lejn xi ordni tal-Qorti;

10. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma wettqitx agir li jikkostitwixxi disprezz kontra l-awtorita` tal-Qorti u lanqas qatt ma kellha l-intenzjoni illi tiddisprezza l-awtorita` tal-Qorti u dana wkoll kif ser jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza;

11. Salv twegiba ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez. L-attur huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.'

Rat l-affidavits, noti, kopji ta' rikorsi u digrieti tal-Qorti diversament presjeduta, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2018 il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li jigu esebiti kopja legali tal-atti riferibbilment ghad-digriet ta' l-access, ir-rapport tal-Marixxall u x'sar bejn ir-rapport tal-Marixxall u d-digriet tal-Imhallef Mangion u ordnat li l-partijiet ghandhom wara li jaraw dan id-dokument jipprezentaw nota kongunta jekk hemmx qbil li mir-rapport tal-Marixxall u sad-data tad-digriet in mertu, ma kienx hemm l-opportunita' tas-smiegh;

Rat in-nota ntavolata fit-12 ta' Marzu, 2018 mill-intimati a fol. 28 tal-process fejn fost affarijiet ohra ddikjaraw li mid-dokumenti esebiti jirrizulta li hadd mill-esponenti la kien jaf bil-kontenut tar-rapport, la gie notifikat bih u lanqas inghataw l-opportunita' li jwiegbu ghall-istess qabel ma dik il-Qorti tat id-digriet taghha;

Rat ir-rikors tal-intimata Carmen Vella ntavolat fil-5 ta' Marzu, 2018 a fol. 36 *et seq* tal-process fejn fost affarijiet ohra talbet li l-Qorti tiehu konjizzjoni ta' l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali mqajjem minnha fir-risposta mahlufa taghha u f'dan ir-rikors u li tordna l-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali, r-risposta tar-rikorrenti d-Direttur Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur Qrati Civili u Tribunali ntavolata fit-12 ta' April, 2018 u d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta datat 14 ta' Mejju, 2018 fejn il-Qorti ddecidiet billi laqghet l-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali u din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' l-ilment

kostituzzjonali u konvenzjonali mqajjem mill-esponenti fir-risposta mahlufa taghha u f'dan ir-rikors;

Rat ir-rikors tal-intimat Dr William Cuschieri ntavolat fit-28 ta' Frar, 2018 a fol. 61 *et seq* tal-process fejn fost affarijiet ohra talab li l-Qorti tiehu konjizzjoni ta' l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali mqajjem minnu fir-risposta mahlufa tieghu u f'dan ir-rikors u li tordna l-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali, ir-risposta tar-rikorrenti d-Direttur Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur Qrati Civili u Tribunali ntavolata fit-12 ta' April, 2018 u d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta datat 14 ta' Mejju, 2018 fejn il-Qorti ddecidiet billi laqghet l-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali u din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali imqajjem mill-esponenti fir-risposta mahlufa tieghu u f'dan ir-rikors;

Rat ir-rikors tal-intimata Nadia Vella ntavolat fil-5 ta' Marzu, 2018 a fol. 74 *et seq* tal-process fejn fost affarijiet ohra talbet li l-Qorti tiehu konjizzjoni ta' l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali mqajjem minnha fir-risposta mahlufa taghha u f'dan ir-rikors u li tordna l-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali, r-risposta tar-rikorrenti d-Direttur Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur Qrati Civili u Tribunali ntavolata fit-12 ta' April, 2018 u d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta datat 14 ta' Mejju, 2018 fejn il-Qorti ddecidiet billi laqghet l-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali u din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali mqajjem mill-esponenti fir-risposta mahlufa taghha u f'dan ir-rikors;

Rat ir-risposta ulterjuri tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur Qrati Civili u Tribunali ntavolata fil-5 ta' Lulju, 2018 li tirrigwarda t-talba kostituzzjonali tal-intimati;

Rat ir-risposti tal-Avukat Generali għar-rikors ta' Carmen Vella dwar il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea a fol. 98 *et seq* tal-process, r-risposta tal-Avukat Generali għar-rikors ta' Dr William Cuschieri dwar il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea a fol. 101 *et seq* tal-process u r-risposta tal-Avukat Generali għar-rikors ta' Nadia Vella dwar il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea a fol. 104 *et seq* tal-process;

Rat illi fuq talba tal-Avukat Generali fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2019 milqugħa mill-Qorti diversament presjeduta ġie allegat il-process 302/12AL fl-ismijiet Joseph Camilleri -vs- Nadia Vella;

Rat l-atti kollha tal-atti allegati.

Rat id-deċiżjoni tagħha ta6-26 ta' Novembru, 2020 f'liema deċiżjoni b'referenza għall-ilment kostituzzjonali din il-Qorti ddeċidiet kif isegwi:

*'Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti taqta' w'tiddeċiedi l-lanjanza kostituzzjonali mqajjma mit-tlett intimati billi tgħaddi sabiex tiċħad l-istess, konsegwentement tgħaddi wkoll sabiex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni premilinari mqajjma fir-risposti rispettivi tal-intimati dwar allegat ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq sanċiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni Ewropea u tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.*

*Bl-ispejjez jiġu deċiżi mas-sentenza finali.'*

Liema deċiżjoni ġiet konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Semgħet u rat il-provi tal-partijiet fil-mertu.

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2022 l-kawza giet differita ghad-decizjoni. Ir-rikorrent strah fuq l-atti tal-provi filwaqt li l-intimati inghataw il-fakulta' li jissottomettu nota ta' sottomissjonijiet.

Rat in-nota fl-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-atti annessi.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsititi f'kawza ta' allegat disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti f'kuntest ta' vertenza dwar access bejn Joseph Camilleri u l-intimata Nadia Vella fejn permezz ta' digriet datat nhar il-21 ta' Lulju, 2016 dik il-Qorti ordnat access ghall-minuri Eric Camilleri favur il-missier Joseph Camilleri. Fl-atti tar-rikors guramentat issir referenza ghad-digriet a fol 4 tal-process. Id-Direttur rikorrent isostni li meta nhar it-23 ta' Awwissu, 2016 il-Marixxalli tal-Qorti marru sabiex jesegwixxu d-digriet dwar access fir-residenza tal-omm cioe' l-intimata Nadia Vella dawn ma thallewx jaghmlu hekk w'ghalhekk irrapurtaw l-akkadut lill-Qorti tal-Familja (ara rapport a fol. 5 tal-process).

Il-Qorti tal-Familja permezz ta' digriet datat 25 ta' Awwissu, 2016 ordnat kif isegwi:

*'Ikkonsidrat li l-agir ta' Nadia Vella, ta' Carmen Vella u tal-Av. Dr. William Cuschieri skont kif irraportaw il-Marixxalli jikkostitwixxi ostakolu ghall-ezekuzzjoni tal-Qorti u att ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.*

*Rat l-Artikolu 70 u 1003 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Tordna li r-Registratur tal-Qorti sabiex jistitwixxi proceduri gudizzjarji ghal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti kontra t-tlett persuni msemmija ai termini tal-Art. 1003 a tal-Kap. 12'.*

Konsegwentement ir-Registratur tal-Qrati prosegwa bil-kawza odjerna fejn qed jitlob li din il-Qorti ssib lill-intimati jew min minnhom hatja ta' disprezz kontra l-awtorita` taghha ai termini tal-artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannahom ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien u timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimati jew min minnhom ai termini tal-artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimati jew min minnhom;

Illi l-intimati odjerni jikkonsistu fl-istess Nadia Vella omm il-minuri koncernat, Carmen Vella li tigi omm Nadia Vella u Dr. William Cuschieri li jagixxi bhala l-Avukat ta' Nadia Vella. Lil hinn mill-lanjanzi kostituzzjonali, l-intimati jqajmu eccezzjonijiet preliminari fis-sens li l-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta citat mid-Direttur rikorrenti fit-talbiet tieghu mhux korrett u li

legalment it-talbiet tieghu kellhom isiru fit-termini tal-artikolu 70 tal-istess Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-mertu lkoll isostnu li huma bl-ebda mod ma fixklu li jitwettaq l-ordni tal-Qorti izda jinsistu li r-rifjut tal-minuri li jmur ma' missieru kien kollu tort tal-istess missier li xi jiem qabel, waqt fil-kustodja tieghu, kien abbuza u ttormenta lill-minuri tant li l-minuri kien harab mill-kustodja tieghu u mar ghand ommu.

Dr. William Cuschieri jeccepixxi wkoll li huwa kellu kull dritt li jassisti lill-klijenta tieghu.

Illi mill-atti jirrizulta li fit-22 ta' Awwissu, 2016 il-missier Joseph Camilleri kien ha lit-tifel Eric Camilleri ghall-access, madanakollu t-tifel f'xi hin harab mill-kustodja tieghu u telaq ghand ommu Nadia Vella gewwa x-Xewkija, Ghawdex. Irrizulta li l-minuri ma regax mar ghal access ma' missieru pero' telaq ma' ommu lura Malta f'San Gwann fejn hija tirrisjedi mieghu. L-ghada 23 ta' Awwissu, 2016 Joseph Camilleri intavola rikors b'urgenza (ara kopja a fol. 161 *et seq* tal-process) fejn kien gharraf lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bl-akkadut, u fost affarijiet ohra talab li (i) l-Qorti tghaddi sabiex tiddegreta r-rikors odjern b'urgenza u bid-dispensa tan-notifika, (ii) tordna u tawtorizza lill-Marixxalli u l-Pulizija jisgassaw il-bieb tal-post fejn ikun sitwat Eric biex b'hekk jigi ezegwit id-digriet tal-21 ta' Lulju, 2016 u l-minuri jigi mghoddi lill-missier, (iii) tordna li b'effett immedjat sakemm ma jingiebx certifikat mediku li juri li l-intimata hija mentalment stabbli, l-minuri jibda jabita mal-missier b'access supervizjonat tal-omm, u finalment (iv) li ssib lill-intimata hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti.

Illi permezz ta' digriet ta' dakinhar stess tat-23 ta' Awwissu, 2016 a fol. 166 tal-process il-Qorti fost affarijiet ohra kienet ghaddiet biex laqghet it-tieni talba billi ordnat u awtorizzat lill-Marixxalli u lill-Pulizija juzaw kull mezz possibbli fil-limiti tal-Ligi inkluz l-isgass tal-bieb/entratura fejn ikun jinsab il-minuri Eric sabiex jigi ezegwit id-digriet tal-21 ta' Lulju, 2016, fir-rigward it-tielet talba ordnat li l-minuri jirrisjedi ma' missieru b'effett immedjat sat-8 ta' Settembru, 2016.

Illi fit-23 ta' Awwissu, 2016 il-Marixxalli, flimkien mal-Pulizija u l-missier Joseph Camilleri, li jirrizulta li kien akkumpanjat minn terzi, marru fir-residenza tal-omm Nadia Vella fl-indirizz 'Antheus', Triq l-Arznu, San Gwann, Malta sabiex jesegwixxu d-digriet. Jirrizulta li ghal bidu bdew ihabbtu u ma hareg hadd, madanakollu wara ftit kienet kellmithom minn wara l-bieb l-intimata Carmen Vella fejn infurmathom li bintha Nadia Vella ma kinitx hemm pero' kienet gejja mat-triq. Wara xi hin kienet waslet Nadia Vella akkumpanjata mill-Avukat Dr William Cuschieri fejn kienet fethitilhom u flimkien maghha kienu dahlu l-marixxalli u l-Pulizija. Ilkoll flimkien marru fejn it-tifel Eric Camilleri li kien qieghed mistohbi go *walk in wardrobe*. Malgrad li saru diversi tentattivi sabiex il-minuri Eric Camilleri jmur ma' missieru dan baqa' jibki u jirrifjuta li jmur u kien ghalhekk li wara allegatament saghtejn u nofs jittentaw jiehdu lill-minuri Eric Camilleri ghall-access ma' missieru Joseph Camilleri, l-isforzi ma rnexxewx u l-marixxalli u l-pulizija kellhom jitilqu flimkien mal-missier minghajr il-minuri.

Jirrizulta illi dakinhar stess fit-23 ta' Awwissu, 2016 il-marixxalli Carmen Pisani u Mario Genius irredigew rapport esebit a fol. 32 tal-process:

'Nghid u nizgura li ma ezegwejtx id-digriet tal-Qorti billi meta fit-23 ta' Awissu 2016 morna fl-indirizz moghti Antheus Triq l-Arznu San Gwann habbatna il-bieb diversi drabi u ma fetah hadd. Fil-pront rajna xi persuna wara t-tieqa u anke smajna xi hsejjes minn gewwa, prezenti maghna kellna lil WPC 304 Mifsud, PC824 Grima u PC 1221 Mifsud u komplejna inhabbtu. Is-Surgent ghajjtet lil din il-persuna biex tiftah il-bieb ghax inkella hemm digriet sabiex jizgassaw pero' din il-persuna biex wiegbet li ma tridx tiftah peress li kienet wahedha u qaltilna li t-tifla taghha Nadia Vella kienet waslet biex tigi u ghalhekk stennejna madwar ghaxar minuti u in get u fethet il-bieb. Flimkien maghha fil-karozza gie Dr William Cuschieri dhalna god-dar u tellawna fuq fejn kien hemm il-minuri. Ghidna lill-minuri biex jigi maghna u Nadia Vella qaltlu le u dan beda jirrifjuta, kemm Nadia Vella, kif ukoll ommha li kienet prezenti Carmen Vella ID Number 57649(G) kif ukoll Dr William Cuschieri bdew ifixxkluna mil qadi ta' dmirijietna billi bdew jopponuna milli niehu il-minuri anke bdew jigbdu il-videos, hafna diskors zejjed kontra is-Sinjorija Imhallef Mangion u kontra il-Qorti u kontra d-digriet tal-Qorti li dejjaqna hafna u domna hafna hin insiktuh pero dan baqa sejjer bid-diskors u wissejnih li qieghed iffixkilna u dan kollu ser nirrappurtawh lill-Qorti. Diskors mhux floku sar minn Dr William Cuschieri, sar kontra Dr Sharon Mizzi u Dr Rodianne Sciberras li ghal darba ohra kellna insikktuh. Tlabnihom sabiex jghaddulna lill-minuri u jaghtuh lill-missier li kien barra jistenna, pero' dawn bdew jirrifjutaw u il-minuri ma biddilx fehemtu u baqa jirrifjuta. Domna madwar saghtejn u nofs nithabtu maghhom, izda kollu ghalxejn ghalhekk nitlob direzzjoni minghand l-Onorabbli Qorti.'

Insegwitu ghar-rapport tal-marixxalli, l-ghada 24 ta' Awwissu, 2016 il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ghaddiet sabiex tat digriet fejn ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jistitwixxi proceduri gudizzjarji ghal disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti kontra t-tlett (3) persuni ta' Dottor William Cuschieri, Nadia Vella u Carmen Vella, kif gia kwotat aktar il-fuq.

Kien ghalhekk li fis-7 ta' Dicembru, 2017 id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati Civili u Tribunali ntavola l-kawza odjerna fejn fost affarijiet ohra talab li l-intimati jew min minnhom jigu misjuba hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u tikkundannhom ghal pieni ndikati fl-Artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Eccezzjonijiet tal-intimati li huwa applikabbli l-artikolu 70 tal-Kap 12 u mhux l-artikolu 997 tal-Kap. 12 (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili):**

Illi l-artikolu 70 tal-Kap. 12 jaqra kif isegwi:

'Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 992, jekk persuna xjentement tevita, tfixkel jew tirrifjuta s-servizz ta' xi att jew ordni tal-qorti jew l-eżekuzzjoni ta' xi mandat jew ordni li ssir minn uffiċjal esekutur tal-qorti, ikun ħati ta' disprezz tal-qorti u jista' jeħel, meta jinstab ħati, il-pieni msemmija fl-artikolu 990.'

L-artikolu 990 tal-Kap. 12 li ghalih jaghmel referenza l-artikolu suespost jaqra kif isegwi:

'F'każ ta' mġieba ħażina taħt l-aħħar artikolu qabel dan, l-imħallef jew maġistrat li lilu jmiss li jġiegħel li jinżamm il-bonordni waqt is-

seduti bil-miftuħ tal-qorti, skont l-artikolu 988, jista'jikkundanna lill-kontravventur
(a) biċ-ċanfir;
(b) bit-tkeċċija mill-qorti;
(ċ) bl-arrest għal mhux aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa f'lok ġewwa l-edifizju fejn il-qorti toqgħod;
(d) bl-ammenda jew bil-multa msemmija fil-Kodiċi Kriminali.'

Minn naha l-ohra l-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu huma msejsin it-talbiet fir-rikors guramentat odjern jaqra kif isegwi:

'997.(1) Fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-ħati jista', mal-kundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro uerbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu(2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.

(2) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel ir-reat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu(116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi.'

Il-Qorti rat li d-digriet tal-Qorti tal-Familja in kwistjoni a fol. 6 tal-process jaghmel referenza ghall-artikolu 70 tal-Kap. 12 u mhux l-artikolu 997 ikkwotat mid-Direttur rikorrent. L-istess

digriet jaghmel ukoll referenza ghall-artikolu 1103 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

'Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull proċediment għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur.'

Illi mid-digriet esebit a fol. 6 tal-proess huwa evidenti li l-Onorabbli Qorti tal-Familja ordnat lid-Direttur rikorrent sabiex jagixxi fl-ambitu tal-artikoli 70 u 1003 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Imkien ma semmiet li l-proceduri ghandhom jittiehdu fit-termini tal-artikolu 997 tal-istess Kap. Fil-fatt jirrizulta lil din il-Qorti li l-artikolu 70 (bir-referenza tieghu ghall-artikolu 990) jiprovdi ghal sanzjonijiet jew pieni diversi minn dawk li jiprovdi l-artikolu 997 kwotat mid-Direttur rikorrent u li fuqu d-Direttur sejjes il-kawza odjerna. Fil-fatt l-artikolu 70 jiprovdi ghal pieni anki ferm anqas iebsa jew oneruzi minn dak li jiprovdi l-artikolu 997 tant li jiprovdi wkoll il-possibilita' li tinghata canfira jew arrest ghal hin minimu ghall-kuntrarju l-artikolu 997 jimponi pieni anki mhux zghar u perjodu ta' habs ferm itwal.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li f'dak il-mument il-Qorti tal-Familja kienet ferm aktar edotta minn din il-Qorti dwar il-vertenza bejn il-partijiet u ghalhekk tifhem li l-indikazzjoni kjara u skjetta ta' dik l-istess Qorti taht liema termini hija riedet li l-intimati jigu mharrka kienet wahda ben mahsuba. Lill-Qorti odjerna rrizultalha wkoll mill-provi fl-atti li dan ma kienx kaz ta' semplicement xi hadd mill-intimati jirrifjuta li jobdi l-ordni tal-Qorti izda jirrizulta li l-minuri kellu parti principali f'dak li

sehh dakinhar tant li huwa xehed kif isegwi a fol. 114 et seq tal-process:

*'Qorti: Nadia Vella tigi il-mama tieghek?*

*Xhud: Iva. . . .*

*Dr William Cuschieri: Ara. Jiena xtaqt niehdok lura ghal incident illi kien gara f'Awwissu, 2016. Issa, jekk tiftakarx x'gara? Kemm kellek zmien? U tispjega lil l-Imhallef x'kienu ic-cirkostanzi. . .*

*Xhud: Jien niftakar –*

*Dr William Cuschieri: Tiftakar id-data l-ewwel nett?*

*Xhud: Ovjament id-data ezatt m'iniex ha niftakar –*

*Dr William Cuschieri: Jew xahar? Ix-xahar.*

*Xhud: Ezatt. Imma niftakar li kienu gew il-Pulizija id-dar, kienet grajja li ovjament nibqa' niftakarha, ghax kienet wahda, mhux kuljum tigrilek.*

*Dr William Cuschieri: Ara mument, id-dar fejn? Ghax inti ma' min toqghod –*

*Xhud: San Gwann. Issa, xorta San Gwann noqghodu imma kienet dar ohra qabel.*

*Dr William Cuschieri: Sewwa. Ma' min kont toqghod u ma' min toqghod?*

*Xhud: Ma' ommi u mal-partner taghha Chris u ma' ohti li jisimha Jade.*

*Dr William Cuschieri: Ok.*

*Qorti: Issa. X'gara dak inhar? Int fejn kont u x'gara?*

*Xhud: Mela jien kont id-dar, kont qed, jekk niftakar sew, kont qed nilghab ma' nahseb man-nanna –*

*Dr William Cuschieri: Nanna, min hi n-nanna?*

*Xhud: Nanny Carry –*

*Dr William Cuschieri: Li qeghda fl-awla –*

*Xhud: Iva –*

*Qorti: X'jisimha?*

*Xhud: Carry. Carmela. Kont qed nilghab maghha, u hin wiehed, qisu f'daqqa wahda, smajt il-Pulizija barra qeghdin jghidu li ghandhom bzonn jidhlu, qeghdin ihabbtu fil-bieb biex jidhlu biex immur jien ma' missieri. U jien niftakar li kont bzajt hafna ghax kont ghadni kemm hrabt minnu. Niftakar il-harba ezatt it-triq li hadt u kollox … qisha grat ilbierah.*

*Qorti: Hrabt minnu x'igifieri?*

*Dr William Cuschieri: Meta, meta gara, meta kien gara dan? Mela inti qed tghid –*

*Xhud: Data ma nafx ezatt –*

*Dr William Cuschieri: Sewwa.*

*Xhud: Imma kien qisu sitt ijiem qabel –*

*Dr William Cuschieri: Ok –*

*Xhud: Jew il-gurnata qabel. Xi haga hekk –*

*Dr William Cuschieri: U kont hrabt minnu x'igifieri? Spjega naqra lil l-Imhallef.*

*Xhud: Mela kienet gurnata li jien kont ilni ma kellix aptit immur, mhux ma kellix aptit sorry, ma kellix, ma rridtx immur, I mean, il-hajja tieghi kienet Malta. Kienet, kelli l-iskola Malta, hbieb Malta, il-familja li kont inhobb Malta kienet. Allavolja kien hemm in-nanna, in-nannu, Nanna Carry u Nannu John kienu jghixu Ghawdex imma il-familja qisu, l-ewwel familja, kienet Malta. U dik il-, dik id-darba li kont mort ghand missieri, kien qalli li kelli bzonn li kont ser nibda nghix Ghawdex, skola Ghawdex, football nibda Ghawdex u ukoll qalli li ha ndum xi xahar jew xi tlett*

*gimghat, xi haga hekk ma nara 'l ommi. U jien ovjament, ma rridx hekk hu. Jien il-familja tieghi, Malta qeghda. U konna, niftakar konna ha mmorru barra, nahseb xi BBQ jew xi ikla, ma' xi hbieb ta' missieri. Konna inzilna fil-garaxx. Konna jien u Yanica li tigi it-tifla tal-partner ta' – . . .*

*Xhud: Iva. It-tifla tal-partner ta' missieri.*

*Qorti: All right. Ftehmna. Ehe –*

*Xhud: Illi jisimha Yanica. U konna inzilna fil-garaxx waqt li missieri u Melissa kienu hemm fuq qeghdin igibu nahseb xi cwievet tal-karozza jew xi haga hekk. U kont ghedtilha lil Yanica biex nilghabu hide and seek ghax jien ma ridtx nibqa' hemm. Igifieri ippruvajt qisni biex ingib dawk il-ftit minuti biex hadd ma jinduna, ghedtilha ha nilghabu hide and seek. Ghedtilha biex hi tibda. Toqghod .. u jien immur nistahba. Waqt li marret qbadt u hrabt. U grejt –*

*Dr William Cuschieri: Minn fejn hrabt ghal fejn?*

*Xhud: Mill-garaxx ta' missieri kien fl-istess flat qisu underground –*

*Dr William Cuschieri: Imma f'liema rahal qed nitkellmu? . . .*

*Xhud: Ir-Rabat, Ghawdex. . . .*

*Xhud: U hrabt minn hemm u bdejt nigri minn gol-wied li kien jaqsam ghax-Xewkija, u minn hemm, kien hemm niftakar, qisu ilbierah dan igifieri, il-wied, sakemm wasalt hemm nahseb kien induna jew xi haga ghax il-karozza kienet ghaddiet xi haga hekk. U jien kont fil-wied, bdejt nistahba taht qisu mal-hajt. Qisni il-hajt qieghed hawn, qieghed hekk u karozzi ghaddejjin hawn. U qed mixi mixi bilmod. Imbaghad meta waqaf qisu, meta waqaf il-wied, iccekjajt jekk kinux gejjin xi karozzi, u girja wahda lejn id-dar t'ommi li kienet Xewkija. Jien ha nkun onest, hsibt maybe immur ghand id-dar tan-nanna, minflok id-dar t'ommi ghax jekk, meta kien jinduna, ovjament, kien ser icempel lil Pulizija u kienu ser jigu id-dar t'ommi. U jien ma ridtx immur lura. Wara li kont ghandi kemm ghamilt hekk. Ghax ovjament kien, kont fi trouble kbir imbaghad -*

*Qorti: All right. Mela dik fhimna mela il-harba li semmejt -*

*Xhud: Ezatt.*

*Qorti: Issa. Nergghu immorru lura meta gew il-Pulzija San Gwann –*

*Dr William Cuschieri:  U mbaghad gew il-Pulizija San Gwann.*

*Xhud: Iva gew il-Pulizija San Gwann id-dar il-qadima –*

*Dr William Cuschieri: Issa barra il-Pulizija gie xi hadd iehor?*

*Xhud: Wara il-Pulizija, kien hemm il-Pulizija, u kienu damu hafna biex jghiduli immur, immur, u jien –*

*Dr William Cuschieri: Stenna stenna –*

*Qorti: Imma igifieri ha nibdew –*

*Dr William Cuschieri: Ibda bicca bicca –*

*Qorti: Xi hadd fethilhom il-Pulizija?*

*Xhud: E iva ghax kienu dahlu. Kienu dahlu fil -*

*Qorti: Fethulhom igifieri dahlu god-dar taghkom.*

*Xhud: E iva kienu dahlu –*

*Qorti: U inti x'beda jigri? Ghidli inti x'bdejt tara.*

*Xhud: Jien kont, jien meta rajt lil Pulizija ovjament ma ridtx immur lura, ghax jekk tahrab ovjament, hekk hu, ma tkunx trid tmur lura fejn kont ghadek kemm hrabt. U jien kont tlajt fil-gwardarobba t'ommi, fuq, qisu tlajt it-tarag u mort fil-kamra t'ommi u dhalt fil-gwardarobba.  U bdejt nistahba hemm. U wara, ma nafx ovjament kemm ezatt, imma wara ftit, giet ommi u qaltli, qaltli; Eric ohrog ghax iridu ikelmuk il-Pulizija. Issa jien dak il-hin ovjament, jien naf ghala gew, biex jehduni lura ghax hekk kienet suppost. Hekk kienet suppost li fil-weekend ghand missieri u fil-gimgha, m'ommi. Jien ovjament ma ridtx immur ghax hekk, ha nkun fit-trouble kbir ovjament. Kien tiga, ftit xhur qabel, kien tiga tani xeba'. Kien tiga tani daqqa fuq idejja. U kien, konna, dik kienet ghal xi haga zghira issa minjaf wara dik kollox, dik kollha, minjaf x'ha jaghmilli. Igifieri jien niftakar kont nibki –*

*Qorti: Inti lil mama x'ghedtilha?*

*Xhud: L-ewwel li ghedtilha kienet jekk dahal fid-dar jew le. Jekk kien hawn jew kien ghadu Ghawdex u kienu ser jehduni il-Pulizija Ghawdex jew xi haga hekk. Jien, akkost ta' kollox, ma ridtux. Ma rridtx narah. Ha nkun onest. Ma ridtx narah ta' xejn ghax kont qed nibza minnu. U niftakar kien hemm tnejn jew tlieta pulizija, marixxalli, wahda mara u nahseb tnejn irgiel jew wiehed ragel. Niftakar kienu qeghdin jghiduli biex immur ghax hekk kienet id-digriet jew xi haga hekk kienet qisu. Hekk kienet bl-ordni tal-Qorti. Kienu niftakar qaluli, qalu lil ommi biex taqbadni minn idi u tohrogni u ddahalni fil-karozza tieghu biex jehodni Ghawdex. U jien qas ridt immur. Igifieri kieku kienet se taqbadli idejja u tehodni qas kont inhalliha ghax hemmhekk ridt nibqa'.*

*Qorti: X'iktar?*

*Dr William Cuschieri: Inti f'dan l-incident kemm kellek zmien tiftakar?*

*Xhud: Ten jew eleven.*

*Dr William Cuschieri: Ten jew eleven. U inti kont, kif kienet l-imgiba tieghek dakinhar? Kalm, ecitat, tiftakar?*

*Xhud: Kont qed nibki hu. Kont qed nibki. Kont qed nibza ovjament fuq x'ha jaghmilli. Dik, dik kienet il-main emotion tieghi u ghax kont qed nibza jekk ha jweggani jew xi haga hekk, jekk ha nkun fi trouble kbir. Jekk immur nerga' ghandu, imbaghad ma jergax jehodni ghand ommi. Dik kienet il-main worry tieghi.*

*Dr William Cuschieri: Waqt dan l-incident kollu, inti fejn kont? F'liem parti tad-dar?*

*Xhud: Kont fil-kamra t'ommi fil-gwardarobba. Kont qed nistahba. Imbaghad meta –*

*Dr William Cuschieri: Isfel jew fuq?*

*Xhud: Imbaghad meta qaltli ommi biex ninzel, biex inkellem lil Pulizija, inzilt it-tarag u kont qisu fil-living room u fil-kcina ghax kienet qisha kamra wahda.*

*Dr William Cuschieri: Issa, in-nanna tieghek, fejn kienet?*

*Xhud: Kienet hemmhekk hdejja. Kienet nahseb jew fuq is-sufan jew qisu fil-kcina ghax din kienet kamra wahda.*

*Dr William Cuschieri: B'xi mod tkelmet? Qaltlek xi haga?*

*Xhud: Le . . .*

*Dr William Cuschieri: Le. Mal-pulizija rajtha titkellem jew mal-marixxali?*

*Xhud: Il-marixxali niftakar kienu qeghdin jghidu, l-ewwel kienu qeghdin jghidu biex johduni imbaghad wara li domt nghid li ma ridtx immur akkost ta' kollox, bdew nahseb il-Marixxala bdiet tghid li ghandu bzonn jidhol hu, missieri biex jiehu, biex jehodni. Qisu bi sforz.*

*Dr William Cuschieri: Sewwa. Sewwa. Kompli hares lejn l-Imhallef u ixhed.*

*Xhud: Biex jehodni bl-isforz. U iktar ma kienet qed tghid hekk, iktar ovjament kont qed nibza, ghax kont qed nahseb din, no matter what, qisni ha nkun fi trouble, ghandi konsegwenzi kbar. Allavolja ghalija kienet wahda mill-ahjar haga li qadt ghamilt.*

*Dr William Cuschieri: Issa -*

*Qorti: Li xix?*

*Xhud: Li hrabt ghax dik kienet qisni –*

*Qorti: Ta' tlett ijiem qabel –*

*Xhud: Ehe.*

*Dr William Cuschieri: Issa. Mela, il-marixxali kienu qed jghidulek biex tmur ma' missirek u kien hemm ordni tal-Qorti, digriet, etc. Kien hemm xi hadd li, hu min hu, tiddejjaqx tghid jekk hu hekk, li qallek biex ma tmurx? Jew qallek xi haga ohra?*

*Xhud: Le ta. Kien hemm, jien biss ma ridtx immur akkost ta' kollox. Ma kienx hemm xi hadd minn jew mill-parti ta' missieri jew mill-parti t'ommi, tal-familja li bdew jghiduli jew biex ma mmurx jew biex immur. Ovjament missieri irid jarani hu I*

*mean, missieri wara kollox. Imma ic-choice tieghi kienet li ghandi hajja Malta u hemmhekk ridt nibqa'. Wara dik li hrabt, ic-choice tieghi kienet.*

*Qorti: Dakinhar, il-mama x'qaltlek?*

*Xhud: Dakinhar li hrabt?*

*Qorti: Le. Dakinhar li kien hemm il-marixxali, xi bdiet tghidlek? Tmurx? Mur? Xi bdiet tghidlek?*

*Xhud: Hi ma, jekk niftakar sew, hi ma qaltli xejn direttament. Hi kemm qaltli, l-ewwel qaltli trid tmur jew le. Jien ovjament ha nghidilha le ghax kont ghadni kemm hrabt. Imbaghad hi kienet qed, meta il-marixxali kienu qed jghidulha biex taqbadni minn idejja u tehodni hi kienet qed tghid li hi ma tistax tisfurzani. Li c-choice tieghi kienet l-ghazla. L-ghazla tieghi kienet li nibqa' Malta mal-familja li inhobb wara kollox.*

*Qorti: U n-nanna xi bdiet tghidlek?*

*Xhud: In-nanna ma nahsibx li qaltli xi haga.*

*Qorti: Hemmhekk kien hemm l-avukat dakinhar?*

*Xhud: Iva.*

*Qorti: L-avukat qallek xi haga?*

*Xhud: Le. Iktar kien nahseb, jekk niftakar sew, fuq il-mobile qed icempel lil xi hadd, jew ikellem lil marixxali.*

*Qorti: Ma smajtux jghid lil mama xi haga kien?*

*Xhud: Le le le –*

*Qorti: Xejn.*

*Xhud: Jien f'dak il-hin, iktar kont qed nibza fuq x'ha jigri milli x'qeghdin jaghmlu l-ohrajn hemm ovjament hu.*

*Qorti: Xi haga ohra?*

*Dr William Cuschieri: Iva. Ara, biex inkun tajt naqra iktar sfond. Imbaghad wara, lil papa jekk rajtux u jekk din tal-harba, kinetx ta' darba jew gratx darb' ohra?*

*Xhud: Mela jien dakinhar ma kontx mort ghandu. Ghax wara kollox il-marixxalli ma jistghux jisfurzawni. Ma jistghux jaqbduni u jehduni. Imma ftit ijiem wara jew xi gimgha, xi haga hekk, kienet harget xi digriet li kelli bzonn immur lura ghandu. Dik kienet, ir-reaction tieghi, qisni ilbierah kienet, ghax niftakarha qisni qalbi waqfet. Kont qed, qas stajt norqod dak il-lejl niftakar. Kont domt lejl shih fuq l-iPad jew fuq, jew naqra ktieb ghax kont qed nibza u ma stajtx norqod u biex nghaddi l-hin bdejt naghmel dawk l-affarijiet. Imbaghad kont hrabt darb'ohra. L-ahhar darba li rajtu normali. Ghax imbaghad kont rajtu darb'ohra l-iskola ghax gie ghalija. Imma din id-darba kont hrabt mill-Melita, Melita Grounds, nahseb jigi Swieqi jew Pembroke xi haga hekk. Kont hrabt minn hemm. Kien gie biex jigborni mill-football. Dan kien qatt ma kien jehodni ghal loghob. Ghat-training fil-weekend. U ma ridtx nitlef iktar. Kont tiga tlift hafna snin u parties u hekk. U tqazzist. Kelli hafna homework dakinhar. U meta gie biex jigborni ghedtlu li ma ridtx immur. Ha ncempel lil ommi biex tigi ghalija. U iktar ma nghidlu hekk, iktar gie irrabjat. U iktar qisu, kull darba li nghidlu, qed, mhux jigri warajja imma qed jimxi warajja biex jaqbadni qisu biex immur fil-karozza –*

*Qorti: Dan wara –*

*Xhud: Dan l-ahhar darba li rajtu meta suppost kont mort ghandu. Ghax imbaghad bdejt nigri, u grejtha minn hemm sad-dar tieghi San Gwann li id-dar li issa nghix fiha.'*

Illi fl-isfond ta' din l-eccezzjoni preliminari l-Qorti dahlet fil-fond fix-xhieda tal-minuri quddiemha sabiex taghti l-isfond li fih kienet qed tahdem l-Onorabbli Qorti tal-Familja fil-kaz in kwistjoni lura fl-2016.

Illi minn dak kollu suespost il-Qorti tqis li huwa car li l-intenzjoni tal-Qorti tal-Familja fid-digriet taghha ma kienx li d-Direttur jixli lill-intimati fit-termini tal-artikolu 997 tal-Kap. 12 li jgib mieghu pieni ferm aktar rigoruzi izda specifikatament

dik il-Qorti rreferiet għall-artikolu 70 tal-Kap. 12. Fl-isfond ta' dan kollu irrizulta li d-Direttur rikorrent ma kellux l-awtorita' mill-Qorti li jintavola l-kawza odjerna fit-termini tal-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'dana li r-rikors odjern imur oltre dak ordnat lilu mill-Qorti tal-Familja fid-digriet tat-23 ta' Awwissu, 2016.

Illi fic-cirkustanzi jirrizulta li l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati u cioe' it-tieni u r-raba' eccezzjoni tal-intimat Dr. William Cuschieri, it-tieni u r-raba' eccezzjoni tal-intimata Carmen Vella u t-tieni u r-raba' eccezzjoni tal-intimata Nadia Vella huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Il-Qorti tqis ukoll li legalment l-izball li sar mid-Direttur rikorrent mhux wiehed minimu u jaffettwa ferm il-jeddijiet tal-intimati b'dana li mhux wiehed sanabbli.

Stante li rrizulta li l-bazi legali li fuqha sejjes il-kawza odjerna d-Direttur rikorrent ma kinitx dik li gie awtorizzat biha l-istess Dirttur mill-Onorabbli Qorti tal-Familja, t-talbiet fil-mertut tad-Direttur rikorrent ma jistghux iregu u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-bqija tal-mertu tal-kawza odjerna kif isegwi:

Tilqa' t-tieni u r-raba' eccezzjonijiet tal-intimati kollha fir-risposti rispettivi taghhom u bhala konsegwenza tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tad-Direttur rikorrent.

Bl-ispejjez tal-lanjanza kostituzzjonali kontra l-intimati, l-bqija tal-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Frar, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar, 2023**

.